2025/1972

29.9.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1972

tad-29 ta' Settembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK [1], dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Fl-14 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), laħqu ftehim mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt ("PAKK") kellha tiżgura n-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari Iranjan, u tipprevedi t-tneħħija komprensiva tas-sanzjonijiet kollha relatati mal-kwistjonijiet nukleari.

(3) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Riżoluzzjoni 2231 (2015) fejn approva l-PAKK, filwaqt li ħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu f'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita fil-PAKK u ppreveda azzjonijiet li għandhom iseħħu f'konformità mal-PAKK.

(4) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill laqa' u approva l-PAKK u ħa l-impenn li jirrispetta t-termini tiegħu u jsegwi l-pjan ta' implimentazzjoni maqbul. Il-Kunsill appoġġa wkoll bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-KSNU.

(5) Fit-18 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Dikjarazzjoni 2015/C 345/01 [2], filwaqt li nnota li l-impenn li jitneħħew is-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni relatati man-nukleari f'konformità mal-PAKK kien mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fil-PAKK u għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' sanzjonijiet tal-Unjoni f'każ ta' nuqqas sinifikanti ta' twettiq mill-Iran tal-impenji tiegħu skont il-PAKK. Barra minn hekk, il-Kunsill ħa l-impenn li jintroduċi mill-ġdid mingħajr dewmien is-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni relatati man-nukleari li jkunu ġew sospiżi jew mitmuma, f'każ ta' nuqqas sinifikanti ta' twettiq mill-Iran tal-impenji tiegħu skont il-PAKK fuq rakkomandazzjoni konġunta lill-Kunsill mir-Rappreżentant Għoli, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

(6) Fl-14 ta' Jannar 2020, ir-Rappreżentant Għoli, bħala l-Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK ("il-Koordinatur"), irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit li tirreferi lill-Kummissjoni Konġunta kwistjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Iran skont il-PAKK għal riżoluzzjoni permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, kif stipulat fil-paragrafu 36 tal-PAKK. Fl-istess jum, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li kien ser iwettaq monitoraġġ tal-proċess tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("il-proċess").

(7) Fl-24 ta' Jannar 2020, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li, skont il-proċess, huwa kien wettaq konsultazzjonijiet bilaterali u kollettivi estensivi u li l-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu reġgħu kkonfermaw id-determinazzjoni tagħhom li jżommu l-PAKK, li kien fl-interess ta' kulħadd. Il-Koordinatur indika li, minkejja diverġenzi rigward il-modalitajiet, kien hemm qbil li kien meħtieġ aktar żmien minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti. Għaldaqstant ġiet estiża l-iskadenza għall-proċess. Il-partijiet kollha involuti qablu li jkomplu d-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti biex jiġu indirizzati t-tħassib dwar l-implimentazzjoni nukleari, kif ukoll l-impatt aktar ġenerali tal-irtirar tal-Istati Uniti mill-PAKK u l-impożizzjoni mill-ġdid, min-naħa tagħhom, tas-sanzjonijiet kontra l-Iran. Rigward dan, il-parteċipanti kollha fil-PAKK kienu esprimew id-dispjaċir tagħhom.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/413/oj).

[2] Id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill 2015/C 345/1 tat-18 ta' Ottubru 2015 (ĠU C 345, 18.10.2015, p. 1).

(8) Fil-21 ta' Diċembru 2020, f'Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta dwar il-PAKK, il-parteċipanti fil-PAKK reġgħu enfasizzaw l-impenn tagħhom li jippreżervaw il-ftehim u enfasizzaw l-isforzi rispettivi tagħhom f'dak ir-rigward. Id-dikjarazzjoni ssottolinjat li l-Ministri kienu ddiskutew kif l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-partijiet kollha baqgħet kruċjali, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi attwali għall-implimentazzjoni, inkluż dawk dwar l-impenji għan-nonproliferazzjoni nukleari u t-tneħħija tas-sanzjonijiet. Il-Ministri qablu li jkomplu d-djalogu tagħhom sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-PAKK mill-partijiet kollha. Il-Ministri għarfu l-prospett li l-Istati Uniti jerġgħu jirritornaw fil-PAKK u ssottolinjaw r-rieda tagħhom li jindirizzaw dak ir-ritorn b'mod pożittiv fi sforz konġunt.

(9) Minn April 2021 sa Awwissu 2022, il-Koordinatur mexxa taħditiet diplomatiċi biex jiġi nnegozjat ir-ritorn tal-Istati Uniti fil-PAKK u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PAKK mill-Iran. Minkejja dawk l-isforzi, inkluż diversi laqgħat tal-Kummissjoni Konġunta matul dak il-perjodu, ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim.

(10) Fl-14 ta' Settembru 2023, il-Koordinatur irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni tal-PAKK. Il-Ministri għall-Affarijiet Barranin iddikjaraw li l-Iran kien ilu ma jikkonforma mal-PAKK mill-2019 u li huma kienu jqisu li ma nstabitx soluzzjoni għal dan permezz tal-proċess. Huma esprimew l-intenzjoni tagħhom li ma jieħdux passi rigward it-tneħħija ta' aktar sanzjonijiet fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK. Fl-istess data, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li kien iċċirkola l-ittra ministerjali fost il-parteċipanti l-oħra fil-PAKK, u li kien ser jikkonsulta mal-parteċipanti kollha fil-PAKK dwar it-triq 'il quddiem.

(11) Fis-6 ta' Ottubru 2023, il-Koordinatur ħareġ dikjarazzjoni li tindika li wara konsultazzjonijiet mal-parteċipanti fil-PAKK, il-kwistjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Iran skont il-PAKK kienet baqgħet ma ssolvietx minħabba l-opinjonijiet diverġenti espressi.

(12) Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2195 ([3]), li emendat id-Deċiżjoni 2010/413/PESK. Il-Kunsill qies li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex jinżammu, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, il-miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fl-Annessi VIII u IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ([4]). Għaldaqstant, l-ismijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet ġew trasferiti mill-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK għall-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni u mill-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 għall-Anness IX ta' dak ir-Regolament.

(13) Il-Kunsill ikkunsidra wkoll li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex jinżammu, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, il-miżuri restrittivi fuq is-servizzi ta' messaġġi finanzjarji, b'rabta mas-settur tat-trasport, b'rabta mal-attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u s-servizzi assoċjati, u dawk fuq il-metalli u s-servizzi assoċjati, fuq is-software u s-servizzi assoċjati, u fuq l-armi u s-servizzi assoċjati.

(14) Il-Kunsill qies ukoll li l-Unjoni kellha raġunijiet validi biex ma jintemmux, wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK, il-miżuri restrittivi li ġew sospiżi fil-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 ([5]).

(15) Fit-28 ta' Awwissu 2025, il-Koordinatur u l-President tal-KSNU rċevew ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta' Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni tal-PAKK. Permezz ta' din l-ittra, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin innotifikaw lill-KSNU li, abbażi ta' evidenza fattwali, huma kienu jemmnu li l-Iran mhux qed jikkonforma, b'mod sinifikanti, mal-impenji tiegħu skont il-PAKK, u b'hekk infetħet il-proċedura biex jerġgħu jiġu introdotti s-sanzjonijiet tan-NU li tneħħew bir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-KSNU, f'konformità mal-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-KSNU.

(16) Fid-29 ta' Awwissu 2025, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill 2015/C 345/01, ir-Rappreżentant Għoli, Franza u l-Ġermanja bagħtu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kunsill, fejn irrakkomandaw li s-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni marbutin ma' kwistjonijiet nukleari li kienu ġew sospiżi jew mitmuma, jew it-tnejn li huma, jerġgħu jiġu introdotti mingħajr dewmien ladarba tkun reġgħet ġiet introdotta s-sanzjoni tan-NU, skont ir-Riżoluzzjoni UNSCR 2231 (2015).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2195 tas-16 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L, 2023/2195, 17.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2195/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/267/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 274, 18.10.2015, p. 174, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1863/oj).

(17) Sas-27 ta' Settembru 2025, il-KSNU ma kienx adotta riżoluzzjoni ġdida biex ikompli bit-tneħħija tas-sanzjonijiet fi żmien 30 jum wara n-notifika tat-28 ta' Awwissu 2025. Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 37 tal-PAKK, id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1696 (2006), 1737 (2006), 1747 (2007), 1803 (2008), 1835 (2008) u 1929 (2010) tal-KSNU għandhom jerġgħu jiġu imposti.

(18) Il-Kunsill iqis li l-Unjoni għandha raġunijiet validi biex terġa' timponi s-sanzjonijiet kollha tal-Unjoni relatati ma' kwistjonijiet nukleari fuq l-Iran li kienu ġew sospiżi jew terminati taħt il-PAKK.

(19) F'dan il-kuntest, il-Kunsill jikkunsidra wkoll li minħabba l-attivitajiet ta' proliferazzjoni Iranjani, b'mod partikolari fir-rigward ta' oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u tas-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili, jenħtieġ li l-miżuri l-aktar stretti jinżammu fis-seħħ.

(20) F'konformità mad-dispożizzjoni stabbilita fil-paragrafu 37 tal-PAKK, l-impożizzjoni mill-ġdid ta' miżuri restrittivi ma għandhiex tapplika b'effett retroattiv għal kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025, jew ta' kuntratti anċillari għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, dment li l-attivitajiet ikkontemplati skont, u l-eżekuzzjoni ta', tali kuntratti jkunu konsistenti mal-PAKK u d-dispożizzjonijiet imposti mill-ġdid.

(21) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(22) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għat-trasferiment dirett jew indirett lill-Iran, jew għall-użu fl-Iran, jew għall-benefiċċju tiegħu, bi tranżitu mit-territorji tal-Istati Membri ta' oġġetti msemmija fis-subparagrafi 3(b)(i) u (ii) tal-UNSCR 1737 (2006) għal reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju, mibdija qabel Diċembru 2006.";

(2) l-Artikolu 3c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3c*

1. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, li għandhom jiġu konklużi u eżegwiti mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026.

2. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025, jew f'kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali obbligi fejn il-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani jew ir-rikavat derivat mill-provvista tagħhom ikunu għar-rimbors ta' ammonti pendenti fir-rigward ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 dovuti lill-persuni jew entitajiet fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, fejn dawk il-kuntratti jipprevedu speċifikament għal tali rimborsi.";

(3) l-Artikolu 3d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3d*

1. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, li għandhom jiġu konklużi u eżegwiti mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026.

2. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 jew f'kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali obbligi fejn il-provvista ta' prodotti petrokimiċi jew ir-rikavat derivat mill-provvista ta' dawk il-prodotti jkunu għar-rimborż ta' ammonti pendenti fir-rigward ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 dovuti lil persuni jew entitajiet fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, fejn dawk il-kuntratti jipprevedu speċifikament tali rimborżi.";

(4) fl-Artikolu 4b, il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 4(1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' kwalunkwe obbligu relatat mal-konsenja ta' oġġetti previst f'kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025.

2. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 u relatat ma' investimenti magħmulin fl-Iran qabel id-data msemmija qabel minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

3. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4a(1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' obbligu relatat mal-konsenja ta' oġġetti previsti f'kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025.

4. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 u relatat ma' investimenti magħmulin fl-Iran qabel dawk id-dati minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.";

(5) l-Artikolu 4f huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4f*

Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4e għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(6) l-Artikolu 4h huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4h*

Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4g għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(7) L-Artikolu 4j huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4j*

Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4i għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-1 ta' Jannar 2026, ta' kuntratti konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(8) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(a) u (b) rispettivament:

(a) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025;

(b) ma għandhomx jipprekludu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel it-30 ta' Settembru 2025;

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6a(a) u (b) rispettivament:

(a) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-30 ta' Settembru 2025;

(b) ma għandhomx iwaqqfu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel it-30 ta' Settembru 2025;"

(9) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. L-Istati Membri għandhom jispezzjonaw, f'konformità mal-awtoritajiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, il-merkanzija kollha lejn u mill-Iran fit-territorji tagħhom, inklużi portijiet u ajruporti, jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli għall-konklużjoni li l-merkanzija tista' tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar, jistgħu jirrikjedu spezzjonijiet ta' bastiment fl-ibħra internazzjonali bil-kunsens tal-Istat tal-bandiera, jekk ikollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli għall-konklużjoni li l-bastimenti jistgħu qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont din id-Deċiżjoni.";

(b) il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"5. F'każijiet fejn titwettaq spezzjoni li tissemma fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jikkonfiskaw u jeliminaw oġġetti, pereżempju billi jeqirduhom, jagħmluhom inoperabbli, jaħżnuhom jew jittrasferuhom lil Stat ieħor għajr dawk l-Istati ta' oriġini jew ta' destinazzjoni għall-eliminazzjoni, li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont din id-Deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 16 tal-UNSCR 1929 (2010). Tali konfiska u eliminazzjoni għandhom jitwettqu bl-ispejjeż għall-importatur jew, jekk ma jkunx possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu rkuprati mill-importatur, huma jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġu rkuprati minn kwalunkwe persuna jew entità oħra responsabbli għat-tentattiv ta' forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni illeċiti.

6. Il-forniment miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri ta' servizzi ta' bunkering jew ta' forniment lill-bastimenti, jew manutenzjoni oħra ta' bastimenti, lill-bastimenti bi sjieda jew b'kuntratt Iranjan, inkluż bastimenti mikrija, għandhom jiġu pprojbiti jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli għall-konklużjoni li l-bastimenti jistgħu qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont din id-Deċiżjoni sakemm il-forniment ta' tali servizzi ma jkunx neċessarju għal finijiet umanitarji jew sa ma l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, u kkonfiskata u eliminata jekk ikun neċessarju, f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 5.";

(10) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

Il-forniment miċ-ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, ta' servizzi ta' inġinerija u ta' manutenzjoni lill-inġenji tal-ajru tal-merkanzija Iranjani għandhom jiġu pprojbiti jekk huma għandhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli għall-konklużjoni li l-inġenji tal-ajru tal-merkanzija jistgħu qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont din id-Deċiżjoni sakemm il-forniment ta' tali servizzi ma jkunx neċessarju għal finijiet umanitarji u ta' sigurtà jew sa ma l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, u kkonfiskata u eliminata jekk ikun neċessarju, f'konformità mal-Artikolu 15(1) u (5).";

(11) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1), jitħassru l-punti (d) u (e);

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorji ta' Stati Membri għall-finijiet ta' attivitajiet relatati direttament mal-oġġetti speċifikati fis-subparagrafi 3(b)(i) u (ii) tal-UNSCR 1737 (2006) għal reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju, mibdija qabel Diċembru 2006.";

(c) il-paragrafu 7, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) il-ħtieġa li jintlaħqu l-għanijiet tal-UNSCR 1737 (2006) u l-UNSCR 1929 (2010), inkluż fejn l-Artikolu XV tal-Istatut tal-IAEA jkun applikabbli;";

(d) il-paragrafi 9 u 10 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"9. F'każijiet fejn skont il-paragrafi 4, 5 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew it-tranżitu fit-territorju tiegħu ta' persuni inklużi fil-lista fl-Anness I jew II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u lill-persuni konċernati minn dan.

10. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat bid-dħul jew tranżitu fit-territorji tagħhom tal-persuni msemmijin fl-Anness I, jekk tkun ingħatat eżenzjoni.";

(12) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassru l-punti (d) u (e);

(b) fil-paragrafu 3, il-formulazzjoni finali hija sostitwita b'dan li ġej:

"wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat dwar l-intenzjoni li jawtorizza, fejn xieraq, aċċess għal tali fondi u riżorsi ekonomiċi u fl-assenza ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) neċessarji għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;

(b) is-suġġett ta' privileġġ jew ta' sentenza ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, f'liema każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dak il-privileġġ jew dik is-sentenza bil-kondizzjoni li l-privileġġ jew is-sentenza saru qabel id-data tal-UNSCR 1737 (2006), u ma jkunux għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat;

(c) neċessarji għal attivitajiet relatati direttament mal-oġġetti speċifikati fis-subparagrafi 3(b)(i) u (ii) ta-l-UNSCR 1737 (2006) għal reatturi nukleari li jużaw l-ilma ordinarju, mibdija qabel Diċembru 2006.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni lil persuna jew entità indikati milli jagħmlu ħlas dovut taħt kuntratt li sar qabel ma tali persuna jew entità jkunu ġew elenkati, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li:

(a) il-kuntratt mhuwa relatat ma' ebda oġġett, materjal, tagħmir, merkanzija, teknoloġija, assistenza, taħriġ, assistenza finanzjarja, investiment, servizz ta' senserija jew servizz ipprojbiti msemmija fl-Artikolu 1;

(b) il-ħlas ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1;

u wara notifika mill-Istat Membru rilevanti lill-Kumitat dwar l-intenzjoni li jagħmel jew jirċievi tali ħlasijiet jew li jawtorizza, fejn xieraq, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jibqgħux iffriżati għal dan il-għan, għaxart ijiem ta' xogħol qabel tali awtorizzazzjoni.";

(13) l-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

L-ebda pretensjoni, inkluż għal kumpens jew għal pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom kien affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi skont il-UNSCR 1737 (2006), l-UNSCR 1747 (2007), l-UNSCR 1803 (2008) jew l-UNSCR 1929 (2010), inkluż miżuri tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru f'konformità ma', kif meħtieġ minn jew b'konnessjoni ma', l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà jew miżuri koperti mid-Deċiżjoni preżenti, ma għandha tingħata lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Annessi I jew II, jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fl-Iran, inkluż il-Gvern tal-Iran, jew kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' kwalunkwe persuna jew entità bħal din jew għall-benefiċċju tagħhom.";

(14) l-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

1. Il-Kunsill għandu jimplimenta modifiki għall-Anness I abbażi tad-determinazzjonijiet li jkunu saru mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stati Membri jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-lista fl-Anness II u jadotta modifiki għaliha.";

(15) fl-Artikolu 24, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Meta l-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat jelenka persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna jew entità fl-Anness I.

2. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 19(1), il-punti (b) u (c), u l-Artikolu 20(1), il-punti (b) u (c), huwa għandu jemenda l-Anness II kif adattat.";

(16) l-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

1. L-Annessi I u II għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni, u entitajiet, kif previsti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Anness I.

2. L-Annessi I u II għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, kif ipprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Anness I. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-ID, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Annessi I u II għandhom jinkludu wkoll id-data tad-dħul fis-seħħ.";

(17) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 19(1), il-punt (b), sa fejn japplikaw għas-Sur Ali Akbar Salehi, għandhom jiġu sospiżi.";

(b) il-paragrafu 5 jitħassar;

(18) l-Artikoli 26a, 26b, 26c, 26d, 26f u 26g jitħassru;

(19) l-Annessi III, IV, V u VI jitħassru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BØDSKOV